MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2014

Citazzjoni Numru. 2336/2000/1

**Concetta Chircop, Salvina Attard, Gaetana Chircop ilkoll werrieta ta' Pasqualino Xuereb kif ukoll Victor Chircop, Philip Attard u Emanuel Chircop ghal kull interess li jista' jkollhom**

**vs**

**Emanuel u Josephine ahwa Tanti u Kontessa Marie Theresa Deguara Caruana Gatto**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici datata 24 ta’ Ottubru 2000 ipprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta, fejn esponiet:-

Illi l-porzjoni art ossia bicca raba’ maghruf bhala "Tar-Ramel" limiti ta' Haz-Zebbug, kienet originarjament mqabbla mill-konvenuta Kontessa Marie Theresa Caruana Gatto lid-decujus Pasqualino Xuereb missier l-atturi;

Illi mal-mewt tal-istess Pasqualino Xuereb ir-raba` *de quo* bdiet tinhadem mill-atturi u ohthom Grezz Tanti, illum mejta, ilkoll ahwa Xuereb;

Illi kien gie miftiehem bejn l-ahwa illi l-imsemmija Grezz Tanti kellha tigbor is-sehem tal-ahwa fuq imsemmija tal-qbiela u thallas lis-sid direttament ghan-nom tal-istess ahwa u cioe` ghan-nom ta' Salvina Attard, Concetta Chircop, Gaetano Chircop u Grezz Tanti;

Illi *ai termini* tal-kuntratt ta' divizzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Philip Saliba datat it-3 ta' Lulju 1964 gie miftiehem illi l-qbiela tar-raba’ mertu tal-kawza odjerna tinqasam bejn l-ahwa fuq imsemmija;

Illi recentement u dan precizament fis-7 ta’ Gunju 1997 mietet Grezz Tanti;

Illi mal-mewt ta' l-istess Grezz Tanti t-tfal taghha, senjatament Emanuel u Josephine ahwa Tanti, abbuzivament irrifjutaw is-sehem tal-qbiela tal-atturi, b'konsegwenza illi din kellha tigi ddepozitata l-Qorti;

Illi ghalhekk nharget ircevuta unikament u esklussivament f'isem il-konvenuti ahwa Tanti u dan daqs li kieku r-raba' *de quo* hija mqabbla lilhom biss;

Illi l-atturi ghadhom sal-gurnata tallum jahdmu r-raba' mertu tal-kawza odjerna;

Illi ghalhekk sid ir-raba' u cioe` l-konvenuta Kontessa Marie Theresa Caurana Gatto qieghda abbuzivament tohrog l-imsemmija rcevuti ta' qbiela f'isem il-konvenuti Emanuel u Josephine ahwa Tanti, u qieghda kategorikament minghajr ebda raguni valida skont il-Ligi tirrifjuta l-qbiela minghand il-atturi;

Illi *nonostante* gew debitament interpellati sabiex tersaq ghall-korrezzjoni ta' l-ircevuti gja abbuzivament mahruga mill-konvenuta Kontessa Marie Theresa Caurana Gatto f' isem il-konvenuti l-ohra ahwa Tanti, sabiex dawn jirriflettu wkoll l-ismijiet tal-atturi kollha, il-konvenuti baqghu inadempjenti, b'konsegwenza illi d-drittijiet u l-jeddijiet tal-atturi qeghdin jigu kalpestati u ppregudikati;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti, jew min minnhom, ghaliex m'ghadhiex din l-Onorabbli Qorti :-

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi l-porzjoni raba’ ossia bicca art maghrufa bhala "Tar-Ramel" limiti ta' Haz-Zebbug, hija mqabbla kemm lill-atturi kif wkoll lill-konvenuti ahwa Tanti, u dan *ai termini* tal-kuntratt ta' divizjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Philip Saliba datat it-3 ta' Lulju 1964;

2. Tordna lill-konvenuta Kontessa Caruana Gatto biex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilha prefiss minn din l-istess Onorabbli Qorti tikkoregi l-ircevuti gja abbuzivament mahruga f’isem il-konvenuti Emanuel u Josephine Tanti sabiex jirriflettu l-istat tal-fatti u cioe` jinhargu f’isem Concetta Chircop, Salvina Attard, Gaetana Chircop ilkoll werrieta ta' Pasqualino Xuereb kif wkoll f’isem il-werrieta tal-mejta Grezz Tanti skont il-Ligi;

3. Tordna lill-konvenuti Emanuel u Josephine Tanti biex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss minn din l-istess Onorabbli Qorti jirritornaw il-ktieb tal-qbiela lill-atturi, jew min minnhom;

4. Tordna illi millum ‘il quddiem kull ircevuta ghall-hlas tal-qbiela tar-raba’ maghrufa bhala "Tar-Ramel" limiti ta' Haz-Zebbug tinkludi wkoll l-isem tal-atturi u dan *ai termini* tal-kuntratt ta' divizjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Philip Saliba datat it-3 ta' Lulju 1964.

Salv id-drittijet kollha ghad-danni, millum 'il quddiem, likwidabbli dawn id-danni f’gudizzju separat.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' erba’ ittri legali datati s-26 ta' Jannar 1999, it-22 ta' Marzu, 1999, l-1 ta' Gunju 1999, u l-5 ta' Marzu 2000, zewg ittri ufficjali datati t-18 ta' Jannar, 2000, u ta' protest gudizzjarju datat 15

Settembru 2000 kontra l-konvenuti, jew minn minnhom, li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tal-20 ta' Frar 2001.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Emanuel u Josephine ahwa Tanti datata 22 ta' Jannar 2001 (fol 29) fejn esponew :-

1 *In linea* preliminari l-inkompetenza ta' din il-Qorti "rationae valoris".

2. Fit-tieni lok l-irritwalita` tac-citazzjoni *stante* li t-talbiet kif proposti fl-istess citazzjoni ma humiex guridikament riferibbli ghal kull wiehed u wahda mill-konvenuti.

3. Fit-tielet lok u f' kull kaz riferibbilment ghat-tielet talba attrici l-eccipjenti ma humiex tenuti jirritornaw l-ebda librett tal-kera meta dan isejjah lilhom u lill-genituri qabilhom bhala inkwilini.

4. Fl-ahharnett l-eccipjenti ma ghandhomx ibatu l-ispejjez tal-kawza meta r-rilaxx tar-ricevuta jew ir-rikonoxximent ta' ko-inkwilini ma tiddependix minnhom.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta l-Kontessa Marie Therese (Deguara) Caruana Gatto datata 7 ta' Frar 2001 (fol 33) fejn esponiet :-

1 Illi, preliminarjament u ghall-finijiet ta' korrettezza:

a Kunjomha gie ndikat erronjament bhala Caruana Gatto minflok Deguara Caruana Gatto kif fil-fatt hu:

b Id-dikjarazzjoni annessa mac-citazzjoni fl-ismijiet fuq premessi giet intestata bhala "dikjarazzjoni tal-konvenuti".

2. Illi, fil-mertu, it-talbiet attrici fil-konfront tal-istess konvenuta ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi stanti illi wara l-mewt ta' Joseph u Grace konjugi Tanti – li precedentement l-ircevuta ghall-hlas tal-qbiela fuq ir-raba' "Tar-Ramel" fil-limiti ta' Haz-Zebbug kienet tinhareg f'isimhom rispettivament – id-debita ricevuta bdiet tinhareg f' isem Emanuel Tanti u Josephine Tanti li gew ghall-kirja bhala l-persuni idoneji li kellhom dritt ghall-kirja in kwistjoni u dan skont kif jirrizulta mill-ittra tal-Avukat Philip Sicberras tas-7 ta' Mejju 1998 mibghuta lill-istess konvenuta – dokument 'B'.

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Frar 2001 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta, fejn il-Qorti b' referenza ghall-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenuta, wara li rat l-Art 175(1) tal-Kap 12, ordnat illi wara l-isem Theresa fl-okkju tac-citazzjoni u tad-dikjarazzjoni tizdied il-

kelma “Deguara”. Il-partijiet u l-Avukati ghan-nom taghhom taw ruhhom b’ notifikati bl-atti kif mitluba; u l-verbal tas-seduta tal-21 ta’ Marzu 2001 (fol 40) fejn il-Qorti semghet it-trattazzjoni tal-Avukati tal-partijiet dwar l-ecezzjoni tal-inkompetenza *rationae valoris*. Il-kawza giet differita ghall-provvediment dwar l-istess eccezzjonijiet ghall-10 ta’ Mejju 2001.

Rat id-decizjoni tal-Qorti datata 6 ta’ Gunju 2001 (fol 42) fejn :

*“Il-Qorti, qieghda tiddeciedi l-kwestjoni billi* ***tichad l-ewwel eccezjoni tal-konvenuti ahwa Tanti*** *u tiddikjara li l-azzjoni attrici kif propsta taqa’ fil-kompetenza ta’ din il-Qorti u qieghda ghalhekk tordna li  l-kawza tissokta bis-smigh.”*

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-konvenuti Emanuel u Josephine ahwa Tanti datata 6 ta’ Dicembru 2001 a fol 58 tal-process.

Rat in-nota responsiva tal-atturi datata 28 ta’ Jannar 2002 a fol 59 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta’ Frar 2002 (fol 60) mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn L-Avukati tal-partijiet iddikjaraw li ma fadlilhomx xi jzidu man-noti taghhom u talbu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza fuq it-tieni eccezzjoni dwar l-irritwalita` tal-azzjoni attrici. Il-kawza giet differita ghas-sentenza fuq din l-eccezzjoni ghat-2 ta’ Mejju 2002; rat il-verbali kollha nkluz dak tas-seduta tal-25 ta’ Settembru 2003 (fol 76) mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn inghatat sentenza *in parte* :

*"Il-Qorti,*

*Tichad it-tieni eccezzjoni preliminari tal-imharrkin ahwa Tanti bhala mhix misthoqqa fil-fatt u fl-ligi, bl-ispejjez kontrihom: u*

*Tordna li s-smigh tal-kawza jitkompla bil-gbir tal-provi fil-mertu."*

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-atturi datata 5 ta' Awwissu 2005 a fol 123 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti datata 26 ta' Settembru 2005 a fol 130 tal-process.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti datata 26 ta' Settembru 2005 a fol 133 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta' Novembru 2005 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn l-Avukati tal-partijiet trattaw bir-reqqa l-kawza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Frar 2006; u l-verbali tas-seduti l-ohra kollha nkluz dak tat-12 ta' Dicembru 2012 fejn b'ordni tal-Qorti l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-Tlieta 30 ta' April 2013.

Rat is-surroga datata 16 ta' Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif illum presjeduta fejn fl-ahhar seduta tas-27 ta’ Marzu 2014, peress li l-Qorti, kellha bzonn iktar zmien biex tirredigi s-sentenza minhabba impenji ta’ xoghol, iddiferixxiet din il-kawza ghas-26 ta’ Gunju 2014 ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza, flimkien ma' numru ta' kawzi ohra, giet assenjata lil din il-Qorti kif attwalment presjeduta b'Digriet ta' surroga datata s-16 ta' Jannar 2013.

Din il-Qorti kif diversament presjeduta, gja tat id-decizjoni taghha fir-rigward taz-zewg eccezzjonijiet preliminari tal-ahwa Tanti, kif fuq rapportat u ghalhekk il-Qorti issa ser tindirizza t-talbiet attrici fid-dawl tal-eccezzjonijiet rimanenti tal-ahwa Tanti u tal-konvenuta Maria Theresa Deguara Caruana Gatto.

Illi f’din il-kawza, l-atturi qeghdin jitolbu li jigi rikonoxxut il-jedd taghhom ghall-qbiela ta’ porzjoni art in mertu. Filwaqt li l-konvenuta Marie Theresa Deguara Caruana Gatto hija sid ir-raba’, il-konvenuti ahwa Tanti huma maghrufin minn din bhala l-gabillotti. L-atturi qeghdin jitlobu li huma wkoll ikunu hekk maghrufa mis-sid; il-hrug ta’ ricevuta li tixhed dan il-jedd, ir-radd lura lilhom ta’ ktieb tal-qbiela mizmum mill-konvenuti ahwa Tanti, u

talbu biex, ghall-gejjieni, l-ircevuti jinhargu b'mod li jaghtu gharfien ghall-jedd taghhom ghall-qbiela ta' l-art.

Illi l-konvenuti ahwa Tanti, permezz tat-tielet u r-raba' eccezzjonijiet taghhom opponew ghat-talba ghar-ritorn tal-librett tal-kera in kwantu din tissejjah lilhom u lill-genituri taghhom qabilhom bhala inkwilini; kif ukoll li m'ghandhomx ibatu l-ispejjez tal-kawza.

Il-konvenuta Marie Theresa Deguara Caruana Gatto wkoll opponiet ghat-talbiet attrici in kwantu li l-ircevuta ghall-hlas tal-qbiela kienet tinhareg f'isem Joseph u Grace Tanti, u wara l-mewt taghhom bdiet tinhareg f'isem l-ahwa Tanti bhala l-persuni idonei li kellhom dritt ghall-kirja in kwistjoni.

Il-fatti sintetikament huma s-segwenti. Il-porzjoni ta' l-art maghrufa bhala *Tar-Ramel,* limiti ta' Haz-Zebbug, Malta, kienet imqabbla lil Pasqualino Xuereb li miet fit-3 ta' Frar 1951 *ab intestato.* Wirtuh is-sitt uliedu, ahwa Xuereb u cioe`, Anna Sciortino, Grezz mart Joseph Tanti, Filippa, Gaetana mart Emmanuel Chircop, Salvina mart Filippu Attard, u Carmela mart Victor Chircop. Grezz Tanti mietet fis-sena 1997 u l-konvenuti Emanuel u Josephine ahwa Tanti huma wliedha. Il-werrieta ffirmaw att ta' divizjoni ppubblikat min-Nutar Dottor Philip Saliba fit-3 ta' Lulju 1964 li permezz tal-istess qasmu r-raba' in kwistjoni bejn erbgha mill-ahwa u cioe`, Grezz, Gaetana, Salvina u Concetta ahwa Xuereb. Madanakollu l-ircevuti tal-qbiela kienu jinhargu mis-sid, il-Kontessa Deguara Caruana Gatto, f'isem Grezz Tanti wahidha u, wara l-mewt taghha, f'isem uliedha, il-konvenuti ahwa Tanti. L-atturi baqghu jahdmu l-porzjoni diviza mill-ghalqa li giet indikata ghalihom fl-att ta' divizjoni ininterrottament u jghidu li kien hemm ftehim verbali ma' ohthom Grezz

Tanti li din thallas il-qbiela ghan-nom ta' kulhadd filwaqt li kull wahda minnhom ihallsuha sehemhom.

**Provi**

**Victor Chircop,** ir-ragel ta’ l-attrici Concetta Chircop, xehed permezz ta’ affidavit (fol. 82) li l-art maghrufa bhala “Tar-Ramel”, limiti ta’ Haz-Zebbug originarjament kienet giet imqabbla minghand l-axxendenti tal-konvenuta l-Kontessa Maria Theresa Deguara Caruana Gatto minn missier il-mara tieghu Pasqualino Xuereb, li miet fit-3 ta’ Frar 1951 minghajr testment. B’hekk, il-werrieta tieghu kienu uliedu u cioe` Anna, Grezz, Filippa, Gaetana, Salvina u Concetta ahwa Xuereb.

Peress li ma xtaqux jibqghu jzommu r-raba’ in kwistjoni u artijiet ohra li halla missierhom bhala wirt in komun ftehmu fuq pjan ta’ qasma tar-raba’ f’sitt porzjonijiet ugwali. Permezz ta’ kuntratt ta’ divizjoni datat 3 ta’ Lulju 1964, fl-atti tan-Nutar Philip Saliba, il-porzjon ta’ art imsejjah “Tar-Ramel” giet diviza skont il-pjan imhejji mill-Perit Cumbo fejn gie miftiehem li l-qbiela tar-raba’ tinqasam bejn erba’ mis-sitt ahwa Xuereb u cioe` Salvina, Grezz, Gaetana u Concetta. Il-porzjon art inqasmet salib bejn l-erba’ ahwa.

Wara li martu messa porzjon minn din l-art, hu mar ghand id-Dipartiment tal-Agrikoltura biex jirregistra dik il-porzjon  u giet fil-fatt registrata.

Martu u hutha ddecidew li Grezz Tanti tigbor is-sehem ta’ l-ahwa Xuereb tal-qbiela u thallas lis-sid il-konvenuta Kontessa Caruana Gatto ghan-nom ta’ l-ahwa, primarjament peress li s-somma tal-qbiela kienet

tammonta ghal sitt Liri Maltin (Lm6.00) u xtaqu jevitaw li kull wiehed jmur jhallas lira u nofs (Lm1.50) lis-sid u cioe` sehemhom mill-qbiela.

Is-sid Caruana Gatto qatt ma avvicinat lilu jew lil martu sabiex tghidilhom li l-qbiela tieghu ma kenitx qed tithallas u fil-fatt qatt ma waqfitu milli jkompli jahdem l-art assenjata lil martu.

Grezz Tanti mietet fis-sena 1997. Huwa mar id-dar sabiex jghaddi l-qbiela ta' sehmu mill-art in kwistjoni lill-werrieta ta' Grezz u cioe` Emmanuel u Josephine ahwa Tanti, izda Emmanuel Tanti, li kien inzerta kien id-dar kien irrifjuta l-flus, pero' accetta li jibqa' jahdem l-art. Ghalhekk, martu bdiet ta' kull sena, tiddepozita sehemha tal-qbiela fil-Qorti permezz ta' cedola ta' depozitu sabiex jigu ssalvagwardjati d-drittijiet taghha.

Konsegwentement, l-ircevuti ta' qbiela bdew jinhargu f'isem l-ahwa Tanti.

**Salvina Attard**, l-attrici, xehdet (a fol. 85) li missierha, li kien l-inkwilin ta' l-art, miet fit-3 ta' Frar 1951 minghajr testment u ghalhekk halla bhala werrieta tieghu lis-sitt uliedu inkluz lilha.

Wara li l-porzjon mill-art mertu tal-kawza odjerna giet trasferita lilha permezz tal-kuntratt ta' divizjoni hi u zewgha marru d-Dipartiment ta' l-Agrikoltura sabiex jirregistraw dik il-porzjon assenjata lilha u giet fil-fatt registrata u ggib in-numru 703/ZBG. Id-Dipartiment ta' l-Agrikoltura dejjem irrikonoxxa lilha u lil zewgha bhala l-bdiewa li effettivament jiehdu hsieb u jahdmu din l-art. Bhal ma xehed Victor Chircop, qalet li anke fil-

kaz taghha, is-sid Caruana Gatto qatt ma avvicinat lilha jew lil zewgha li kien jahdem l-art, sabiex tghidilhom li l-qbiela ma kenitx qed tigi mhallsa u fil-fatt qatt ma waqfithom milli jkomplu jahdmu l-art assenjata lilha.

Ikkorroborat ix-xhieda precedenti fis-sens li qalet li l-ahwa ftehmu li Grezz Tanti tigbor is-sehem ta’ l-ahwa tal-qbiela u wara li mietet Grezz, marret hi stess sabiex thallas sehemha tal-qbiela mill-art in kwistjoni lill-werrieta ta’ Grezz u cioe` Emmanuel u Josephine ahwa Tanti, izda Josephine Tanti dak il-hin accettat il-flus sabiex thallas lis-sid Deguara Caruana Gatto, pero’ sussegwentement sabet il-flus fil-*letter-box.*

Ghalhekk, kull sena bdiet tiddepozita s-sehem taghha tal-qbiela l-Qorti, permezz ta’ cedola ta’ depozitu, sabiex hi ukoll tissalvagwardja d-drittijiet taghha, kif ghamlu hutha.

Xehdet ukoll li ghadhom jahdmu l-art in kwistjoni sallum il-gurnata u qatt ma gew avvicinati minn hadd sabiex jieqfu milli jaghmlu dan.

Irrizulta li l-konvenuti ahwa Tanti avvicinaw lis-sid Deguara Caruana Gatto u talbu l-hrug ta’ l-ircevuta tal-qbiela esklussivament fuq isimhom, u bdew jinhargu l-imsemmija ircevuti ta’ qbiela f’isem l-ahwa Tanti. Minkejja li s-sid giet offruta l-hlas tal-qbiela, din irrifjutat minghajr ebda raguni u rrifjutaw li jersqu ghall-korrezzjoni ta’ l-ircevuti.

**Emanuel Chircop, ir-ragel ta' Gaetana Chircop, illum mejta,** xehed (fol. 88) li l-art ilha mqabbla hekk ghal ghexieren ta’ snin. Is-sid Deguara Caruana Gatto qatt ma avvicinat lilu jew lil martu sabiex tghidilhom li l-qbiela taghhom ma kenitx qed tithallas.

Lanqas qatt ma waqfitu milli jkompli jahdem l-art hekk assenjata lil martu.

Peress li l-werrieta ta’ Grezz Tanti rrifjutaw il-hlas tieghu tal-qbiela sabiex ikomplu jghadduh lis-sid Deguara Caruana Gatto, hu u martu ta’ kull sena bdew jiddepozitaw is-sehem taghhom il-Qorti permezz ta’ cedola ta’ depozitu. L-ircevuti tal-qbiela sussegwentement bdew jinhargu f’isem l-ahwa Tanti.

**Nathalie D’ Amato** *Agricultural Officer* mad-Dipartiment ta’ l-Agrikoltura (fol. 105) esebiet pjanta flimkien ma’ erba’ pagni mehmuzin maghhom (**Dok ND1** sa **Dok ND5**).

**Dok ND1** hija pjanta li turi erba’ hbula ta’ raba’ bin-numri 180, 180A, 180B u 180C waqt li Dok ND2, Dok ND3, Dok ND4 u Dok ND5 jikkoncernaw pagni tar-Registru.

Peress li originarjament din ir-raba’ kienet *tenement* wiehed, wara li nqasam, id-Dipartiment kien iqis kull porzjon b’numru specifiku. B’kekk il-*farmer registration code* numru 703ZBG, hu dak li jikkorrispondi mad-Dok **ND2**, li jgib in-numru 180C fuq il-pjanta esebita Dok ND1.

**Dok ND3** jirrapprezenta lil bidwi registrat 664ZBG li fuq il-pjanta huwa muri bhala l-habel tar-raba’ numru 180.

**Dok ND4** jirrapprezenta l-bidwi registrat bin-numru 549ZBG li jirrapprezenta t-*tenement* numru 180A.

**Dok ND5** jirrapprezenta l-bidwi registrat bin-numru 665ZBG li jirrapprezenta l-habel tar-raba' muri fil-pjanta bhala Dok 180B.

**Filippa Camilleri,** it-tifla ta' Baskal u Giuseppa Xuereb, xehdet (fol. 108) li mir-raba' li kellhom il-ġenituri tagħha, hi u ohtha kienu hadu bejniethom bicca raba' zghira. Huma kienu sitt ahwa bniet u l-erbgha l-ohra jisimhom Salvina Attard, Cetta Chircop, Gaetana Chircop (llum mejta) u Grazia Tanti li kienet mizzewgha lil Joseph Tanti li jigi missier il-konvenuti Manuel u Josephine.

Din il-qasma tar-raba' li kellhom bejniethom l-ahwa saret madwar erbghin sena ilu. F'dak iz-zmien meta saret il-qasma, ir-raba' kollu kien ghadu jinhadem minnhom.

Qalet li ma tafx x'kien qieghed isir mir-raba' l-iehor li qasmu hutha l-ohra bejniethom. Ir-raba' li miss lilha qalet li hi tahdmu.

Illum il-gurnata,  raba' minnhom li miss lilha u lil ohtha Anna m'ghadux ghandhom u raba' iehor qed jahdmu t-tifel taghha.

Fiz-zmien li sar il-qsim tar-raba' taf li hutha kienu jahdmu r-raba' li misshom.

**Philip Tanti** bin Grazzia u Joseph Tanti, xehed (fol. 111) li

l-ghalqa tinhadem minn huh, miz-ziju Victor, miz-ziju Leli u miz-zija Salvina. Qal li l-pjanta murija **f'Dok ND1** turi erba' bicciet tar-raba' *tar-Ramel* kif inhuma maqsumin.

Qal li dik immarkata bil-lewn ahmar u ggib in-numru 180 tinhadem miz-ziju Leli, dik bil-lewn ahdar u ggib in-numru 180A tinsab f'idejn Victor Chircop, il-*plot* bil-lewn vjola u li ggib in-numru 180B qieghda f'idejn huh u dik bil-lewn orangjo u li ggib in-numru 180C tinsab f'idejn z-zija Salvina.

Jaf fic-cert li huh il-konvenut, l-attrici Salvina u Emmanuel Chircop jahdmu zgur fl-ghalqa, pero' mhuwiex cert fir-rigward l-attur Victor Chircop. Madankollu, huwa ma tantx ikun f'dawk l-inhawi. Jaf li wara li kien intlahaq ftehim bejn ommu u tliet hutha, ommu baqghet tigbor il-qbiela ta' l-ohrajn, u kienet tmur thallas il-qbiela hi lis-sid.

Fir-rigward il-mod li bih kien isir il-hlas min-naha taz-zijiet tieghu lil ommu, qal li jiftakar biss xi 25 sena ilu meta l-attur Victor Chircop kien gab cekk ta' Lira u nofs u tah lil missieru, izda missieru ma kienx accettah peress li ma riedx joqghod imur il-Bank biex isarraf cekk ta' dak l-ammont.

Ommu kienet tghidlu li hemm Lira u nofs kull sehem bhala qbiela tar-raba' Tar-Ramel.

Meta ntlahaq l-arrangament, kienet inqasmet din ir-raba' Tar-Ramel, wahda San Nikola, wahda tal-Harrub u xi qasam ckejken f'Wied iz-Zghir, Habel iz-Zghir.

**Emanuel Tanti** xehed permezz ta' affidavit esebit a fol. 117 tal-process. Huwa xehed li r-raba' maghruf bhala Tar-Ramel, fil-limiti ta' Haz-Zebbug kien imqabbel lin-nannu tieghu Pasqualino Xuereb, missier ommu. Dak iz-zmien ir-raba' kien kollu jifforma ghalqa wahda. Sid ir-raba' llum hija l-Kontessa Maria Theresa Deguara Caruana Gatto.

Meta zzewgu l-genituri tieghu, in-nannu kien dawwar il-qbiela fuq missieru u kien beda jhallas il-kera ta' l-ghalqa kollha lis-sid li kien jaghmillu ricevuta wahda f'ismu.

Wara li kienet ilha zmien fuq isem missieru, u bdew jizzewgu hut ommu, sar ftehim li partijiet maqsuma minn din l-ghalqa jinhadmu minn hut ommu Concetta Chircop, Salvina Attard u Gaetana Chircop u minn xi erbghin sena ilu bdew jahdmu bicca kull wiehed.

Madankollu, il-qbiela dejjem baqghet tghajjat lil missieru li kien baqa' jhallas il-qbiela ta' l-ghalqa kollha hu. Is-sid qatt ma giet involuta f'dan l-arrangament u baqghet dejjem tirrikonoxxi lil missieru wahdu. Meta miet missieru l-ircevuta bdiet tohrog fuq ommu.

Minkejja l-fatt li Concetta Chircop inghatat parti fid-divizjoni biex tahdimha, hi qatt ma hadmitha u dejjem hallietha vojta, jew tatha f'idejn in-nies biex jahdmuwha huma. Fl-ahhar ghoxrin sena ma nhadmet qatt,

hlief wara li nfethet il-kawza odjerna, ir-ragel ta’ Concetta Chircop beda jqabbad in-nies biex jizraghha bil-qamh.

Salvina Attard minn dejjem tahdem il-parti taghha.

Il-parti li zammet ommu biex tahdimha hi, wara li waqfet tahdimha ommu kompla jahdimha hu wahdu.

Sakemm bdiet il-kawza kien jizra’ diversi prodotti fosthom patata u tadam, izda peress li meta bdiet il-kawza l-prtijiet l-ohra bdew jahdmu l-partijiet taghhom bil-qamh, ma kellux iktar fejn jghaddi bl-ingenji u b’hekk kellu bilfors ikompli jahdimha hu wkoll bil-qamh. B’hekk, meta fis-sajf jifthu biex jghaddu bil-qamh, jghaddi minn fuqhom bl-istess mod.

Wara li mietet ommu, id-dar kien fadal hu u ohtu Josephine.

Fuq parir ta’ avukat kienu tkellmu mat-tifel tas-sid, li mill-parti tieghu dawwar l-ircevuta ghal fuq ismu.

Victor Chircop, kif ukoll Manuel Chircop kellmuh it-tnejn u offrew li jhallsu l-qbiela, pero’ hu ma accettax. Fil-passat, jaf li gieli taw xi haga lil ommu, pero’ zgur li qatt ma tathom xi rcevuta, izda, sa fejn jaf hu qabel ma giet f’idu ma kienu jhallsu xejn.

Qatt ma kien jaf b'xi ktieb tal-qbiela, la minghand ommu u lanqas minghand is-sid. Il-qbiela dejjem thallset lis-sid l-ewwel minn missieru u mbaghad minn ommu u wara minnu stess.

In kontro-ezami, xehed li qabel kienet issir ircevuta wahda meta r-raba' kien jghajjat lil missieru. Ilum l-ircevuti u r-raba' jghajtu fuq ismu. Qal li iben is-sid kien qallu li jrid johrog ircevuta wahda biss u din fil-fatt harget fuq ismu, wara li miet missieru.

**<u>Il-Kuntratt ta' Divizjoni:</u>**

L-atturi jibbazaw it-talbiet taghhom fuq il-jeddijiet li akkwistaw *ope successionis* mill-wirt ta' missierhom, l-awtur fit-titlu taghhom. *Inoltre*, huma jistriehu fuq kuntratt ta' divizjoni, li gie redatt quddiem in-Nutar Philip Saliba fit-3 ta' Lulju 1964, u jinsab esebit a fol. 6 tal-process. Fih hemm stipulat is-segwenti:

*"… Illi huma ma jridux jibqghu izjed in komun u ghalhekk qabdu l-perit Cumbo biex jaqsam dan ir-raba' f'sitt porzjonijiet divizi kif gej:*

*….L-ewwel porzjoni messet lil Salvina Attard;*

*It-tieni porzjoni messet lil Anna Sciortino;*

*It-tielet porzjoni messet lil Grazia Tanti;*

*Ir-raba' porzjoni messet lil Gaetana Chircop;*

*Il-hames porzjoni messet lil Filippa Xuereb;*

*Is-sitt porzjoni messet lil Concetta Chircop.*

*Il-partijiet jassenjaw lil xulxin il-porzjonijet kif fuq mess lilhom bix-xorti.*

*…. dan ir-raba' kien gie lill-imsemmi Pasqualino Xuereb b'divizjoni b'att tan Nutar Dottor Giorgio Borg Olivier tat tlieta u ghoxrin ta' Novembru elf disa mija tmienja u tletin 23/11/38.*

**<u>Nota ta' l-Eccezzjonijiet Ulterjuri - Preskrizzjoni Akkwizittiva</u>**

Il-konvenuti pprezentaw nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti, (a fol. 133 tal-process) fejn, gie ecepit li l-azzjoni attrici hija preskritta *ai termini* tal-Artikolu 2143 tal-Kodici Civili, *stante* li, kif jirrikonoxxu l-atturi stess, huma akwijixxew ghall-istat ta' rikonoxximent mis-sid tal-eccepjenti u l-awtrici taghhom, bhala unici inkwilini tar-raba' in kwistjoni. Il-konvenuti ahwa Tanti ghalhekk qed jippretendu l-jedd ghar-raba' mertu tal-kaz bis-sahha tal-pussess *animo domini* ghal zmien twil bizzejjed biex inissel preskrizzjoni akwizittiva favurihom, u mhux bis-sahha ta' titolu.

Il-Qorti ghalhekk ser tikkonsidra din l-eccezzjoni qabel ma tidhol fil-mertu tal-kaz.

**L-Artikolu 2143 tal-Kodici Civili jistipula illi:**

*"L-azzjonijiet kollha, reali, personali jew misti jaqghu bil-preskrizzjoni gheluq tletin sena, u ebda oppozizzjoni ghall-preskrizzjoni ma tista' ssir minhabba n-nuqqas ta' titolu jew ta' bona fidi";*

Il-principji li jirregolaw l-*usucapione* huma ben assodati fil-gurisprudenza taghna. Jinsab insenjat illi *"lil min jallega l-uzukapjoni trigenarja bhala bazi tad-dominju minnu vantat, ma jistax jigi oppost in-nuqqas ta' titolu jew tal-bona fede. U l-bona fede ma hix eskluza bil-fatt illi l-preskrivent kien jaf li l-haga kienet ta' haddiehor ghax hu bizzejjed li l-preskrivent ikollu l-intenzjoni li jsir il-proprjetarju tal-haga. Imma l-pussess ta' tletin sena jrid ikun legittimu, jigifieri kontinwu u mhux interrot, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku. Ir-rinunzja ghall-uzukapjoni bhala 'causa acquisitionis' tista' tkun tacita, cioe` deducibbli mill-fatt li jimplika l-abbandun tal-jedd akkwistat, u d-dikjarazzjoni tal-preskrivent fis-sens li l-haga mhix tieghu, timplika rinunzja tacita ghad-dritt akkwistat minnu bl-uzukapjoni"* (**Vol. XXXV P I p 105**)".

Kif insenjat b'mod tant car il-Qorti fil-kawza "***Salvino Testaferrata Moroni Viani vs Francis Montanaro*** "(PA 27.06.2003):

*"una volta l-attur jipprova dan id-dritt tieghu ta' dominju, "m'ghandux ghalfejn jaghmel xejn izjed; senjatament m'ghandux ghalfejn jaghmel il-prova negattiva li l-konvenut m'ghandux id-dritt reali li qed jikkompa in kwantu tali prova tispetta allura lill-konvenut li jkun qed jallegaha"* – "**Carmelo Mercieca -vs- Emanuela Sant**", Appell Civili, 6 ta' Lulju 1968;

L-uzukapjent biex jirnexxi fid-difiza u sostenn tad-dritt eccepit minnu jrid jipprova l-akkoppjament tal-pussess mad-dekors taz-zmien. Fuq kollox ghal dak li hu l-fattur taz-zmien irid jaghmel il-prova konvincenti tal-bidu tal-pussess vantat minnu billi ma tistax titqies sufficjenti s-semplici affermazzjoni generika "*longissimi temporis praescriptio*". Kjarament ukoll dan il-bidu hu allaccjat mal-mument fokali meta l-preskrivent jibda

jippossjedi b’mod kontinwu, mhux miksur, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku l-proprjeta` li hu, jew l-aventi kawza, jew awtur tieghu intenzjonati jippreskrivu. Huma proprju dawk il-kundizzjonijiet li juru l-kwalita` tal-pussess *animo domini*, kongunta sintendi maz-zmien rikjest mil-ligi biex tissahhah il-preskrizzjoni (**Vol. XLVI P I p 381**).

Dwar l-elementi tal-pussess il-Qorti, fil-kawza *“**Carmelo Caruana et -vs- Orsla Vella**”, (*Appell Civili, 13 ta’ Marzu 1953 irriteniet li *“l-elementi tal-pussess huma tnejn, dak materjali, il-poter ta’ fatt fuq il-haga, u dak intenzjonali, l-animu tal-possessur li jgawdi d-dritt fuq il-haga bhallikieku hu kien il-proprjetarju taghha – animus et corpus; corpus possessionis, et animus possidendi vel animus domini”-“* Izda *“Mhux bizzejjed li jkun ezercizzju bil-bona grazzja jew tolleranza”* (**Vol. XLI P I p 178**).

Illi hu risaput tradizzjonalment illi f’kawza simili l-attur irid jipprova t-titolu tieghu minghajr ebda ombra ta’ dubju – ara per ezempju s-sentenza tal-Qorti tal-Appell moghtija fl-1958 fil-kawza fl-ismijiet "***Giuseppe Buhagiar vs Guzeppi Borg".*** F’dik il-kawza intqal illi *“kwalunkwe dubju ghandu jimmilita favur il-konvenut possessur”.*

*Inoltre “Mhux bizzejjed ikollok id-detenzjoni tal-haga jew it-tgawdija taghha mhux bhala haga proprja imma bhala haga ta’ haddiehor ghaliex allura din tkun biss detenzjoni jew tgawdija prekarja.”* ("***Carmelo Caruana vs Orsla Vella*****"** fuq citat, u "***Victor Chetcuti vs Michael Xerri",*** Appell Civili, 31 ta’ Mejju 1996).

Illi huwa mill-ewwel car minn dan l-insenjament li l-konvenut jista’ jibbenefika minn din il-preskrizzjoni.

**Pasqualino Xuereb** miet fis-sena 1951 *ab intestato* u halla bhala werrieta tieghu lis-sitt uliedu. Skont kif xehdet **Filippa Camilleri** (fol. 108) il-qasma tar-raba' li kellhom bejniethom l-ahwa saret madwar erbghin sena ilu. **Philip Tanti (**fol**.** 111) qal li jiftakar b'din is-sitwazzjoni li kienet isehh xi hamsa u ghoxrin sena ilu. **Emanuel Tanti** ukoll xehed fl-affidavit tieghu (fol. 117) li n-nannu kien dawwar il-qbiela fuq missieru li beda jhallas il-kera lis-sid li kienet tohrog ricevuta wahda fuq ismu.

Minn xi erbghin sena ilu, bdew jahdmu bicca raba' kull wiehed hut ommu, izda l-qbiela dejjem baqghet tghajjat lil missieru. Is-sid dejjem irrikonoxxiet lil missieru wahdu. Wara li miet missieru, l-ircevuta bdiet tohrog fuq ommu.

Izda apparti dawn il-provi, din il-Qorti tistrieh ukoll fuq id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuta l-Kontesssa Maria Theresa Deguara Caruana Gatto fejn, fit-tieni paragrafu tal-istess tghid hekk: "*liema ghalqa kienet imqabbla ghand certu Joseph Tanti li f'ismhu ghalhekk kienu johorgu d-debiti ricevuti."* Imbaghad tkompli "*Illi wara l-mewt tal-istess Joseph Tanti, il-qbiela bdiet tithallas mill-armla tieghu Grace Tanti u ghall-diversi snin l-ircevuta in kwistjoni bdiet tinhareg f'isimha."*

Ma jirrizultax mill-provi, difatti, li l-atturi jew min minnhom qatt kien avvicinaw lis-sid sabiex tirrikonoxxihom qabel ma mietet ohthom Grace - hadd ma vvanta dawn il-pretensjonijiet ghar-rigward tar-raba' mas-sid. *Inoltre*, il-fatt li l-qbiela kienet intestata f'isem ir-ragel ta' Grace Tanti, jaghti konfort lix-xhieda tal-konvenut li nannuh kien dawwar din ir-raba' fuq missieru, Joseph Tanti. Minhabba din ir-rizultanza, id-divizjoni, li *del resto* huwa xejn hlief att dikjaratorju, ma seta' ibiddel xejn ghaliex ir-raba' kienet gja giet ceduta favur Joseph Tanti. *Inoltre*, ir-raba' ghaddiet lil Grace Tanti mal-mewt ta' zewgha, u ma hemm xejn fil-ligi li jimpediha

milli thalli lil hutha jkomplu jahdmu r-raba'. Hadd mill-ahwa ma spjega ghaliex ghazlu proprju lilha biex tkompli thallas il-qbiela u minn dan il-Qorti tiddeduci li l-hlas kien minn dejjem f'idejha u f'idejn zewgha.

Ghalhekk l-element tal-pussess ghat-terminu ta’ tletin (30) sena huwa sodisfatt ukoll u dan il-pussess kien “uti *dominus*.”

*In vista* ta’ dan kollu, u ezaminati bir-reqqa l-fatti kollha partikolari tal-kaz, jidher li l-konvenuti rnexxielhom jissostanzjaw it-tezi li ppossedew *animo domini* ghaz-zmien rikjest mil-ligi.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi fil-waqt li **Tilqa'** l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti ahwa Tanti, **Tichad** it-talbiet attrici in kwantu li huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

L-ispejjez jithallsu mill-atturi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------